Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 17**

**Data:** Il-Ġimgħa, 26 ta' Mejju
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern l-Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru

**Attenda Online**
Dr. Samuel Azzopard – Viċi President

**Skużat**
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Stephen Sultana – Membru
Is-Sur Clifford Galea Vella Maslennikov – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**17.1 Ittri ta' apoloġiji**

17.1.1 Il-President semma li -Sur Clifford Galea, is-Sur Stephen Sultana, is-Sur Max Zammit, is-Sur Jesmond Aquilina u Chev. Paul Farrugia talbu li jkunu skużati minħabba impenji reltati ma' xogħol jew ma' safar jew affarjiet personali oħrajn. Filwaqt li semma li Dr. Samuel Azzopardi minħabba xogħol ieħor talab li jidħol għall-laqgħa b' mod virtwali.

17.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva unanimament li dawk mhux preżenti jitniżlu bħala skużati.

**17.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 16**

17.2.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

17.2.2 Fuq proposta ta-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**17.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 17**

17.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi u s-Sur Anthony Chircop, ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-20 t' April 2023 2023 u 26 ta' Mejju 2023 li kienet tammonta għall-€246,031.17.

**17.4 Punti li joħorġu mill-minuti**

| | |
|---|---|
| **17.4.1 ECAD** | Il-President semma li peress li ħafna mill-Membri huma Skandinavi l-biljetti tal-ajru kienu wisq għoljin sabiex jattendu. Semma li kien hemm feedback tajjeb ħafna min-naħa tal-Oasi, Sedqa u anki Planet Youth. Il-President semma li l-FSWS ser tkun qed taħdem anki mal-Kunsilli Reġjonali u Lokali aktar mill-qrib sabiex jindirizzaw dawn il-problemi. |
| **17.4.2 Ftehim Kollettiv Ħaddiema Klerikali** | Il-President semma li hemm żewġ laqgħat skedati f' Ġunju sabiex possibbilment ikun konkluż. |
| **17.4.3 Bus Shelters** | Il-President semma li jidher li ntleħaq ftehim bejn il-partijiet. Semma li l-Kunsilli Lokali qed jibgħatu l-mandat lill-Assoċjazzjoni u fil-jiem li ġejjin ser ikun qed jiġi ffirmat dan il-ftehim. Semma li wara xhur twal b' ħidma kollaborattiva din il- |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| | problema ġiet riżolta. |
| **17.4.4 Foundation for Social Wellbeing Project** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni qed tattendi għal Task Force Meeting li qed ikun organizzat mill-Fundazzjoni stess sabiex jibdew il-preparamenti sabiex jinbeda l-proġet RIGTHS. Dan il-proġett ser ikun qed jiffoka sabiex jiġu stabbiliti il-Kunsilli Reġjonali ta' tfal. |
| **17.4.5 Taħriġ** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni iffnalizzat dokument ta' taħriġ. Dan ser tkun ukoll qed tagħddih lil UĦM sabiex ikun approvat min-naħa tagħhom ukoll. |
| **17.4.6 Konsultazzjoni – Bus Lanes** | Il-President semma li rigward din il-konsultazzjoni, l-Assoċjazzjoni ippubblikat dokument bil-proposti. https://www.lca.org.mt/wp-ntent/uploads/2023/04/Transport-Booklet-Single_compressed-1.pdf |
| **17.4.7 Ġemellaġġi** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni tenfasizza li jekk hemm proċess dan irid jinżamm u huwa fir-responsabbilita' tad-Dipartiment li jerġa' jfakkar lill-Kunsilli Lokali sabiex isegwu dawn il-proċessi. |
| **17.4.8 Servizz ta' support psikoloġiku lill-Membri Eletti, Segretarji Eżekuttivi u ħaddiema** | Il-President semma li dan huwa proġett iddelikkat ħafna minħabba n-natura sensittiva tiegħu. Għaldaqstant, qabel ma jkun varat dan is-servizz wieħed irid jaċċerta ruħu li hemm is-servizz kollha li jingħtaw b' mod professjonali. |
| **17.4.9 Project Green** | Il-President semma li l-proġett tal-Assoċjazzjoni ma ntgħażilx u ser ikun hemm laqgħa skedata ma' Project Green. |
| **17.4.10 Parking Management** | Il-President fakkar li nhar 31 ta' Mejju ser ikun hemm it-tnedija tad-dokument tal-parkeġġ. |
| **17.4.11 Attivita' Uffiċjali għat-Tletin Sena Anniversarju** | Il-President semma li kienu bdew isiru l-arranġamenti kollha sabiex issir l-attivita' uffiċjali organizzata mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Loklai f; għeluq it-tletin sena ta' Gvern Lokali. Semma li ser issir nhar 22 ta' Lulju ġewwa l-Barrakka ta' Fuq. Semma li f' din l-attivita' ser ikunu mistiedna l-Membri Eletti, Segretarji Eżekuttivi u ħaddiema kif ukoll il-mistieden tagħhom. |
| **17.4.12 Post Vakant Assoċjazzjoni Kunsilli** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet ilha sena u tmien xhur b' vakanza miftuħa għall-ħaddiem ekwivalenti għal skala 7. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **Lokali – Skala 11** | Semma li dan il-post baqa' vakant u minħabba l-amont ta' xogħol li l-Assoċjazzjoni dejjem qed ikollha huwa kien qed jipproponi li l-AKL iġib il-permessi meħtieġa għall-post vakant ta' Assistent Prinċipal fi skala 11. Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva din il-proposta. |
| **17.4.13 Internal Audit** | Il-President semma li kien beda l-internal audit ikkummissjonat mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali. |
| **17.4.14 Disinn ta' xallel u ingravajjet** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet ikkummissjonat artista sabiex tbiddel il-viżwali tal-ingravajjet kif ukoll xallel bil-branding tal-Assoċjazzjoni. Il-President semma wkoll li ser ikunu qed jaslu wkoll ix-xugamani tal-baħar. |
| **17.4.15 Ġbir ta' skart fuq bażi Reġjonali** | Il-President semma li kienu għaddejjin diversi laqgħat kemm internament kif ukoll mal-Kolletturi sabiex dejjem ikompli jiġi rfinut is-servizz offrut.<br>Is-Sur Anthony Chircop semma li għad hemm persistenti l-problema tal-kondominji kif ukoll qed jispera li sa l-1 ta' Lulju il-kuntrattur jiġi konformi mal-kuntratt.<br>Il-President semma wkoll li hemm direzzjoni ċara min-naħa tiegħu sabiex tittieħed stock take tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsilli Lokali f' dak dovut fi spejjeż relatati ma' ġbir ta' skart. |

**17.5 Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **17.5.1 Malta Women Lobby** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet irċeviet fattura sabiex tħallas €80 membership. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Steven Axisa, l-Eżekuttiv approva dan il-ħlas. |
| **17.5.2 Plenarja – 17 ta' Ġunju** | Il-President semma li kienu qed issiru l-preparamenti kollha u li kienet qed titfassal l-Aġenda. |
| **17.5.3 Rotta tal-Feniċi** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet imsieħba f' din ir-Rotta tal-Feniċi u tat l-opportunita' lill-Kunsilli Reġjonali sabiex jaħdmu fuq proġett flimkien sabiex ifasslu r-Rotta tal-Feniċi ġewwa Malta. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Anthony Chircop, l-Eżekuttiv qabel li l-Assoċjazzjoni għandha tirriserva €5,000 sabiex jibda dan il-proġett. |
| **17.5.4 TSI Application** | Il-President semma li kienet reġgħet ħarġet l-applikazzjoni |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

għall-fondi ta' studju (TSI). Semma li l-AKL kienet ser terġa' tipprova tapplika sabiex isir studju xjentifiku fil-lokalitajiet fuq l-aspettattivi tar-residenti.

**17.5.5 Uffiċjali Maniġerjali – Allokazzjoni**

Il-President semma li huwa kkomunika mad-Diviżjoni sabiex tiġi reveduta d-deċiżjoni li ttieħdet sabiex titnaqqas l-allokazzjoni lil dawk ir-Reġjuni li għadhom ma impjegawx Uffiċjali Reġjonali. Il-Presidenti Reġjoanli semmew li għandha issir talba għall-€200,000 żieda addizzjonali f' salarji tal-Uffiċjali Maniġerjali.

**17.5.6 Business Disability Forum**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni attendiet għal-laqgħa oħra ta' Disability Forum.

**17.5.7 MoU FITA**

Il-President semma li kien ġie iffirmat il-ftehim mal-FITA. Semma wkoll li l-AKL ser tkun qed taħdem mal-FITA sabiex il-website tiġi adattata għall-persuni nieqsa mis-smiegħ u mid-dawl.

**17.5.8 Fond – LESA**

Il-President semma li kine ġie ffirmat ftehim mal-LESA sabiex jingħata fond mill-LESA ta' €600,000 sabiex jitqassam lill-Kunsilli Reġjonali sabiex jiġi utilizzat għall-spejjeż ta' infurzar waqt festi u attivitajiet kulturali oħrajn.

**17.5.9 MoU CCTVs**

Il-President semma li kien ukoll ġie ffirmat MoU flimkien mal-LESA sabiex il-Kunsilli Lokali jibbenifikaw minn 10% addizzjonali ta' CCTVs li huma tal-Kunsill Lokali u li huma taħt il-kontroll tal-LESA.

**17.5.10 Kooperattivi**

Il-President semma li kien hemm laqgħa mal-FSWS fejn qed jimplimentaw kunċett ta' kooperattivi magħmulin minn persuni li kienu jew għadhom klijenti tal-FSWS. Il-President semma li l-kunċett huwa li dawn jagħmlu xogħol manwali fil-Kunsilli Lokali. Huwa jaħseb li minkejja li l-kunċett huwa ferm tajjeb, wieħed għad irrid jara aktar fid-dettal l-ispiża ta' dawn il-kooperattivi.

**17.5.11 Kaleci – Old Town Festival**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tipparteċipa u aktar 'l quddiem ser tara min huwa interessat li jattendi.

**17.5.12 Caravans**

Il-President semma li kienu għaddejjin diversi laqgħat sabiex tiġi konkluża l-emenda legali fuq il-Caravans.

**17.5.13 Board Resoultion – APS**

Il-President semma li minħabba li deħħlin il-fondi tal-LESA fil-kont bakarju tal-Assoċjazzjoni u m'hemmx kont bankarju

**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**
Local Councils' Association Malta

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt
**www.lca.org.mt**

ddedikat lir-Reġjun Punent, huwa propona li jinfertaħ kont fuq ġdid. Fuq proposta tal-President, issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva dak propost.

**17.5.14 Każ Enemalta**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni m' għadiex tkun infurmata b' seduti tal-qorti relatati mal-każ u lanqas dokumenti m' għadhom jaslu għandha.

**17.6 Aġġornament**

17.7.1 Il-Laqgħa aġġornat git-tmienja ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' it-Tlieta, 27 ta' Ġunju fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.18 li nżammet nhar it-Tlieta, 27 ta' Punju 2023 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Mario Fava**
**President**